MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2007

Numru 70/2007/2

Il-Pulizija
(Spt. K. Farrugia)
Omissis
U
Lineker David Micallef.

Il-Qorti,

Regghet rat ir-Rikors tal-Ufficjal tal-Probation Anzjana Miriam Sevasta tal-31 t' Awwssu, 2007, li bih ghamlet denunzja fis-sens tal-artikolu 21 tal-Att VII tal-2002 dwar il-Probation, u fejn infurmat lil din il-Qorti li fid-29 t' Awwissu, 2007, hija kienet giet infurmata mill-Komunita' Santa Maria li Lineker David Micallef kien gie sospiz mill-programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mid-droga fl-24 t' Awwissu, 2007 minnhabba li kiser regola tal-Komunita' w dan meta hu suppost kellu "jkompli sal-ahhar u bla ebda interruzzjoni l-programm biex jehles mill-vizzju tad-droga."

Rat id-Digriet Taghha tal-istess data li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-4 ta' Settembru 2007 fil-11 am.

Rat id-depozizzjoni moghtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta tas-Senior Probation Officer Miriam Sevasta u tal-Head ta' Drug Rehabilitation Centre ta' Santa Maria tas-Sedqa, Ray Grech dwar id-denunzja;

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-7 ta' Settembru, 2007, li bih , peress li qieset li kien xieraq u opportun li r-rikors ikompli jinstema' u jigi deciz definittivament minn din il-Qorti kif issa preseduta , cioe' mill-Imhallef li attwalment kien ghamel il-kondizzjonijiet tal-probation kif elenkati fl-imsemmi ordni ta' probation, iddifferiet ir-rikors ghal-lum biex ikompli jinstema’ minn din il-Qorti kif issa preseduta .

Rat id-dikjarazzjoni tal-Avukati tal-lum li biha ddikjaraw li l-Qorti m’ghandiex ghalfejn tisma’ mill-gdid id-deposizzjoni tax-xhieda Sevasta w Grech li nghatat fis-seduta precedenti quddiem l-Onor. Imhallef Dr. David Scicluna w li tinsab traskritta.

Regghet semghet bil-gurament lil Ray Grech fl-udjenza tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat prosekutur u dak difensur;

Rat is-sentenza taghha fil-konfront tal-appellat tal-25 ta' Mejju, 2007, li biha kienet iddisponiet mill-appell tal-Avukat Generali billi rriformat is-sentenza appellata billi kkonfermatha fejn, fuq ammissjoni, sabet lill-appellati hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom u fejn ordnat li l-appellati jitqieghdu taht ordni ta’ probation ghal zmien tlitt snin ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ dana pero’ li varjat l-istess sentenza billi fil-Probation Orders flimkien mall-kondizzjonijiet imposti fuq iz-zewg appellati fis-sentenza appellata, din il-Qorti kienet ziedet kondizzjonijiet ohra li jidhru fil-Probation Orders godda li kienu gew mehmuza ma dik is-

sentenza w li gew spjegati fid-dettall mill-Qorti liz-zewg appellati.

Rat l-Ordni tal-Probation tal-istess data maghmul fil-konfront ta' Lineker David Micallef li jghid inter alia li :-

*"Billi Lineker David Micallef, numru tal-I.D. card 196887(M), imwieled Pieta' nhar l-10 t'April, 1987 u residenti 84, Triq in-Naxxar, Birkirkara, gie misjub hati b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar, 2007, liema sentenza qed tigi riformata b' sentenza ta' din il-Qorti li ggib id-data tal-lum 31 ta' Mejju, 2007 fil-kawza fl-ismijiet* ***" Il-*****Pulizija vs.Keith Bezzina u Lineker David Micallef**" (*appell Nru. 70/07 JGD) u tqieghed taht ordni ta' probation ghal zmien tlitt snin ;*

*Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-ordni;*

*Tordna li l-appellat Lineker David Micallef ikun taht is-supervizzjoni ta' l-ufficjal tal-probation li jigi nominat skond it-turn ghall-periodu kollu ta' tlitt snin li beda fit-8 ta' Frar, 2007,u dan taht il-kura tal-probation officer a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap.446.*

*U b' mod partikolari ghandu jikkonforma ma u josserva strettament dawn il-kondizzjonijiet u htigijiet li qed jigu mposti fuqu li gejjin :-*

***Lineker David Micallef irid ikompli sal-ahhar u bla ebda interruzzjoni il-programm tar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga li huwa gja ta' bidu ghalih kemm ghal dak li jirrigwarda l-periodu residenzjali kif ukoll ghall xi periodu ta' re-entry jew follow-up li jkun mehtieg jew preskritt bir-regolamenti tal-komunita' fejn qieghed.***

*Lineker David Micallef irid jattendi ghal-laqghat kollha li l-ufficjal tal-probation jiffissa minn zmien ghal zmien u jaghti lill-istess ufficjal kull informazzjoni li tigi mitluba minnu .*

*Lineker David Micallef irid isegwi l-istruzzjonijiet u l-ordnijiet kollha li jinghata minn zmien ghal zmien mill-probation officer addett lilu w mill-ufficjali w addetti tal-komunita' fejn hu qed jaghmel il-programm ta' riabilitazzjoni mid-droga.*

*Li wara li jtemm il-programm b' success u johrog fis-socjeta' tul il-periodu kollu rimanenti tal-probation irid joqghod mall-genituri tieghu w jirrinkaza mhux aktar tard mid-9 pm. minn Ottubru sa' Mejju w mhux aktar tard mill-10pm. minn Gunju sa Settembru w li ma johrogx mid-dar qabel it-8 am .*

*Li kif jerga johrog fis-socjeta' irid ifittex assidwament impieg jew xoghol kwalsiasi u jissodisfa lill-probation officer li qed jaghmel dan.*

*Li tul iz-zmien tal-probation hu ma jkunx jista' jsiefer minn dawn il-Gzejjer.*

*Li tul iz-zmien tal-probation hu ma jridx jidhol f' kazini, diskoteki, hwienet tax-xorb jew postijiet ohra ta' divertiment .*

*Li ma jikkommettix reat iehor kwalsiasi tul il-periodu tal-probation*

*Li l-Probation Officer ghandu/ghandha jaghmel/taghmel rapport qasir kull xaharejn dwar is-sitwazzjoni tal-appellat, apparti li jgib/ggib a konjizzjoni ta' din il-Qorti b' nota kull ksur ta' dawn il-kondizzjonijiet jew xi wahda minnhom, kif appena j/tintebah bihom."*

Ikkonsidrat;

Illi s-**Senior Probation Officer Miriam Sevasta** xehdet u kkonfermat id-denunzja li hi ghamlet permezz tar-rikors taghha fuq imsemmi u qalet li peress li l-probation officer inkarikata mill-kaz ta' Lineker David Micallef, Marietta Lanzon kienet imsiefra, hi hadet il-kaz f' idejha bhala Senior Probation Officer. Il-Hamis ta' qabel kienet giet infurmata mis-Sedqa li l-*probationee* kien gie sospiz mis-

Sedqa fl-24 t' Awwissu, 2007 ghax kiser wahda mir-regolamenti tal-komunita', ghalkemm kien ghadu qed zomm kuntatt mall-addett tas-Sedqa David Azzopardi u seta' jerga' jigi ri-ammess fil-programm tas-Sedqa.

**RAY GRECH**, il-Head tar-Rehabilitation Centre tas-Sedqa, xehed li kien ilu jsegwi lill-probationee minn Jannar, 2007, meta gie ammess f' Santa Maria. Ghall-ewwel hu kien sabha difficli biex jaggusta ruhu ghall-hajja tal-Komunita' imma biz-zmien beda' jaghmel certu progress. Fit-2 t' Awwissu, 2007, hu kien hareg mil-Komunita' bit-tieni verifika ta' tlitt (3) ijiem u deher li kien iltaqa' ma xi cirkostanza li fixklitu. <u>Fis-16 t' Awwissu, 2007, Lineker David Micallef iddecieda li jitlaq mill-programm,</u> pero' kienu intervjenew il-membri tal-familja tieghu w rega' dahal lura, ghalkemm beda jaghmel l-affarijiet difficli ghalih. L-*urine test* pero' kien negattiv. Fil-*weekend* ta' wara beda jagixxi hazin u jsabbat saqajh u <u>fit-22 t' Awwissu, rega' telaq mill-programm.</u> Rega' dahal lura fit-23 t' Awwissu, 2007 u l-urine test rega' kien negattiv. Dak in-nhar filghaxija l-agir tieghu ma kienx sodisfacenti u ddecidew li johdulu urine test ohra filghaxija bl-I.D. miktub bl-ahmar biex tigi analizzata bi priorita' l-ghada filghodu. <u>Dan it-test tal-urina ta rizultat pozittiv ghad-droga eroina.</u> Ippruvaw jaghtuh cans iehor u donnu accetta li jerga' jipprova imma dak in-nhar filghaxija rega' ma kienx sew u ghalhekk baghtuh id-dar temporanjament bic-cans li jergghu idahhluh. Kien qed izomm kuntatt ma David Azzopardi w wera li kien lest li jerga' jidhol. Jidher li meta hareg il-probationee kien iltaqa' ma xi tfajla w dan wassal biex ix-xoghol siewi li kien lahaq sar gie interrott. Hu seta' jerga jigi ammess skond il-progress li kien lest li jaghmel u x' motivazzjoni juri, u fil-fatt sal-lum rega' gie ammess.

In kontroezami, x-xhud qal li l-probationee <u>kien ittestja positive ghall-heroin u li hu kiser il-kondizzjoni li kien hemm fil-probation order mhux f' okkazzjoni wahda.</u>

Ikkonsidrat;

Rat illi jirrizulta li nonostante it-twissija serja li kienet ghamlitlu din il-Qorti, Lineker David Micallef kiser wahda

mill-aktar kondizzjonijiet importanti tal-probation order li kienet intiza biex hu jehles mill-vizzju tad-droga u b' hekk forsi ma jibqax minaccja serja ghas-socjeta' billi jirrikorri ghall-serq ripetut u hsarat volontarji apparti delitti ohra. Di fatti hu interrompa l-programm volontarjament mill-inqas darbtejn qabel ma gie sospiz ghax ittestja pozittiv ghall-eroina.

Illi dan in-nuqqas juri atteggjament ta' sfida fil-konfront tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li ghal tlitt darbiet uriet fiducja fih billi minnflok issentenzjatu ghall-piena karcerarja, jew jigi liberat kondizzjonatament jew inghata sentenza ta' prigunerija sospiza jew, kif gara f' dan l-kaz, tpogga taht probation.

Ikkonsidrat;

Li din il-Qorti ghalhekk tara li hu l-kaz li tittratta ma' Lineker David Micallef kif jipprovdi l-artikolu 21 (2) tal-Kap. 446;

Ghalhekk rat mill-gdid l-akkuzi dedotta kontra Lineker David Micallef u persuna ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja w cioe' talli :

*1. Fi Triq il-Qronfol, San Gwann u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 u l-5 ta' Novembru, 2006 ikkommettew serq ta' apparat tal-hi-fi (Pioneer CD player), u Lm5.00 (hames liri Maltin), minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBG 461 ghad-dannu ta' Anthony Cassar, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur, u*
*2. bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*3. fi Triq il-Wied tal-Imsida, Imsida, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer nhar it-3 ta' Novembru, 2006 ikkommettew serq ta' apparat hi-fi (amplifier/w subwoofers/boost gauge) minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBE 308 ghad-dannu ta' George Giordmaina, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4. fi Triq Ganu, Birkirkara, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta' Novembru, 2006 ikkommettew serq ta' apparat tal-hi-fi minn go vettura, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*5. fi Triq l-1 ta' Novembru, 1950, il-Mosta, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta' Novembru, 2006 ikkommettew serq ta' apparat tal-hi-fi, hmistax-il compact disc, tliet nuccalijiet, umbrella blue, u oggetti personali ohra minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBD 798 ghad-dannu ta' Vanessa Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*6. fi Triq ir-Rumani, Santa Margerita, Mosta, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer nhar it-3 ta' Novembru, ikkommettew serq ta' apparat tal-hi-fi (Pioneer CD player) minn go vettura bin-numru tar-regitrazzjoni ABO 105 ghad-dannu ta' Nikolina Micallef, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*7. fi Triq il-Qronfol, San Gwann u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer nhar it-3 u l-5 ta' Novembru, 2006 ikkommettew hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Hyundai Getz bin-numru tar-registrazzjoni KBG 461 ghad-dannu ta' Anthony Cassar, liema hsara tammonta ghall-anqas minn hames mitt lira (Lm500.00), imma aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), kif ukoll hsara fuq vetturi ohra u dan ai termini tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*8. fi Triq l-1 ta' Novembru 1950, il-Mosta, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta' Novembru, 2006 ikkommettew hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Hyundai Getz bin-numru tar-registrazzjoni IBD 798 ghad-dannu ta' Vanessa Borg, liema hsara tammonta ghall-anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00), imma iktar*

*minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), kif ukoll hsara fuq vetturi ohra, u dan ai termini tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*9. fi Triq ir-Rumani, Santa Margerita, il-Mosta u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta' Novembru, ikkommettew hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Hyundai Getz bin-numru tar-registrazzjoni ABO 105 ghad-dannu ta' Nikolina Micallef, liema hsara tammonta ghal anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00), imma aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), kif ukoll hsara fuq vetturi ohra, u dan ai termini tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*10. fi Triq Ganu, Birkirkara u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta' Novembru ikkommettew hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Hyundai Getz, liema hsara tammonta ghal inqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00), imma aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), kif ukoll hsara fuq vetturi ohra, u dan ai termini tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*11. fi Triq il-Qronfla, San Gwann, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer nhar it-3 ta' Novembru ikkommettew hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Fiat Punto, bin-numru tar-registrazzjoni IBC 568 ghad-dannu ta' Mary Yvonne Caruana, liema hsara tammonta ghal anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.000), imma iktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), kif ukoll hsara fuq vetturi ohra, u dan ai termini tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*12. nhar l-4 ta' Novembru, 2006 gewwa Triq il-Mensija, San Gwann minn gewwa Banka tal-Lottu numru 174 ikkommettew serq semplici ta' telephone cards ghad-dannu ta' Joseph Mary Cardona;*

*13. nhar is-7 ta' Novembru, 2006 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu sabiex*

*ibieghhu jew imexxu dawn l-oggetti, u dan ai termini tal-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*14. nhar is-7 ta' Novembru, 2006 u fix-xhur ta' qabel kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-Disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija, u meta ma kinux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga imsemmija fil-pussess taghhom, u naqsu li jippruvaw li d-droga imsemmija kienet giet fornuta lilhom ghall-uzu esklussiv taghhom skond ir-ricettta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-uzu esklussiv taghhom;*

*15. talli kisru l-kundizzjonijiet moghtija lilhom b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;*

u dan apparti akkuzi ohra dedoti kontra l-istess Lineker David Micallef wahdu w cioe' :-

*16. talli nhar is-7 ta' Novembru, 2006, ghall-habta tal-5.45 p.m. gewwa Triq Dun Karm , Birkirkara, bil-hsieb li jisraq vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBF 989 tal-ghamla Hyundai Getz u apparat tal-Hi-Fi ghad-dannu ta' Mario Ciantar , wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu , u liema delitt hu aggravat bil-mezz, valur u lok.*

*u*

*17. talli nhar is-7 ta' Novembru, 2006, u fix-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer , zamm u garr strument li jaqta' u*

*bil-ponta (turnavit) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.*

Rat il-fedina penali aggornata ta' Lineker David Micallef esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkonsidrat;

Qieset li meta din il-Qorti ikkonfermat l-ordni ta' probation moghtija mill-Ewwel Qorti, fil-konfront ta' Lineker David Micallef w imputat appellat iehor, hi riedet tkun zgura li din l-opportunita' li qed tinghatalhom tittiehed bis-serjeta miz-zewg appellati b' mod li jkunu jafu li jekk, bl-icken mod, jiksru il-kondizzjonijiet tal-probation huma kien ser ikollhom jiffaccjaw ir-riguri kollha tal-ligi appena xi nuqqas jigi rapportat lil din il-Qorti. Ghalhekk fil-waqt li kkonfermat l-provvediment moghti mill-Ewwel Qorti, imponiet kondizzjonijiet godda fl-Ordni tal-Probation anness ma din is-sentenza u fuq riprodotti.

Illi minnkejja dan l-isforz tal-Qorti biex Lineker David Micallef jinghata opportunita' ohra biex jirriforma ruhu, jidher issa li l-fiducja li din il-Qorti uriet fih kienet infondata, w konsegwentement din il-Qorti ma jibqalix ghajr li tapplika r-riguri shah tal-ligi Kriminali kontra dan il-hati.

Ghal dawn il-motivi qed tiddisponi minn dan l-incident billi a tenur tal-artikolu 21 tal-Kap 446 , wara li kkonstatat li Lineker David Micallef kiser kondizzjoni ewlenija tal-Ordni tal-Probation tal-25 ta' Mejju, 2007 maghmul minn din il-Qorti, qed tittratta mall-probationee ghar-reati li dwarhom hu kien tpogga taht probation bil-mod kif il-Qorti tista' tittratta l-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal-dawk ir-reati a tenur tas-subartikolu (2) tal-art. 21 tal-Kap. 446 u fil-waqt li terga tikkonferma s-sejbien ta' htija tal-akkuzi kolha fuq riprodotti li sar bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar, 2007, kif konfermata b' sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Mejju, 2007, tirrevoka l-Ordni tal-probation maghmul bis-sentenza ta' din il-Qorti fuq imsemmija, u wara li rat l-artikoli kollha tal-ligi relattivi u senjatament, l-art. 17,18,

28A, 28B, 28C 28D u 28E, 28F, 31, 41, 261, 267, 270, 271 (g), 280(1), 325 (b) u 334 (a) tal-Kodici Kriminali, l-art. 6 u 51(7) tal-Kap.480 u l-artikoli 9, 22(1) (2) (b) (ii) tal-Kap.101 u l-art. 7, 21 u 23 tal-Kap.446, tikkundanna lil Lineker David Micallef - li ma jibbenefikax mill-attenwanti li kien ghadu minorenni kif kien il-ko-imputat appellat l-iehor - ghal hames (5) snin prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas kull perijodu li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dan il-kaz.

Inoltre a tenur tal-artikolu 28A, 28B, 28C, 28D, 28E u, 28F tal-Kap.9 qed tibghat lil Lineker David Micallef quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. C. Scerri Herrera) li kienet tat-sentenza ta' sitt xhur prigunerija sospiza ghall-erba snin taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon bhala Ufficjal Sorveljanti fil-25 ta' Mejju, 2004, biex dik il-Qorti, kemm jista' jkun malajr, tara li Lineker David Micallef jingieb quddiemha u tara hux il-kaz li ghandha tittratta mieghu ghar-reati li dwarhom kienet inghatat dik is-sentenza, b' kull mod li setghet tittratta mieghu li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------